MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Numru 1020/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Vs**

**George Farrugia ta' 24 sena Nicholas u Maria Eugenia xebba Gambin imwieled Pieta` fit-18 ta' Lulju, 1978 residenti 'George' Triq il-Barrieri, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita` numru 441678(M).**

**<u>Illum 14 ta' Ottubru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra George Farrugia u cioe talli fit-2 ta' Novembru, 2002, wara nofs in-nhar f'dawn il-Gzejjer attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku jigifieri PS 1033 Mangion u PC 1121 Magro, fil-waqt li kienu jagixxu

ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti. Dan bi ksur ta’ l-artiklu 96 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta’ qabel l-Artikolu 95 tal-Kap 9, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri PS 1033 Mangion u PC 1121 Magro, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. Dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittmi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jigifieri PS 1033 Mangion, PC 1121 Magro u PC 1209 Grima jew ma hallihomx, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, mdahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 Kodici Kriminali jew ta’ligi ohra. Dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjon u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 66 Ordinanza dwar Armi tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu , jew kellu f’idejh, jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1A) tal-Kap 66-Ordinanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar jigifieri senter jew munizzjoni, xort' ohra milli b'licenza, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-pulizija, halli jordna, jekk din l-arma tan-nar jew munizzjoni ghandhomx jinzammu taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz. Dan bi ksur tal-Artikolu 205 (2) tal-Kap 66 – Ordnanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qieghed idur ghall-kacca b'xi xkubetta jew arma ohra tan-nar minghajr licenza valida mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 205(2) tal-Kap 101 Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4 ta' l-Avviz Legali 146 ta' l-1993.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-proceduri sommarji (a fol. 5).

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji u li wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikonsidrat:

Illi din il-qorti ghamlet succint ta' dak li qalu x-xhieda rispettivament.

Senjalament PS 1033 xehed illi huma waqt li kienu qeghdin jduru ghall-kacca illegali u lemhu xi kaccaturi, inkluz l-akkuzat. Dan harab minn postu fejn hu warajh halla tifel li gie migbur mill-pulizija. X'hin irritorna lura u avvicina lill-pulizija gie mistoqsi minn dawn ta' l-ahhar ghala abbanduna lill-ibnu, ghal dan wiegeb li ma kienx affari taghhom, kien hawn li l-pulizija pprocedew biex jarrestaw lill-akkuzat u fil-fehma ta' dan ix-xhud l-akkuzat ma kkollaborax maghhom tant li anke beda jxejjer idejh lejn il-pulizija. Skond dan ix-xhud pero "….ghalija pero lil hadd ma laqat minna" (a fol. 23).

Spjega dan ix-xhud li x'hin kien qed isir l-arrest anke habat rasu ma hajt b'dan li l-akkuzat spicca ttiehed il-

polyclinic. Spjega dan ix-xhud billi qal li l-akkuzat ghax beda jirrezisti l-arrest spicca wegga.

L-istess xhud esebixxa certifikati medici li juru li l-akkuzat f'dan l-incident spicca anke suturat.

Minn naha tieghu PC 1121 Tonio Magro xehed kif hu flimkien ma kollegi tieghu kienu sabu xi kaccaturi qed jisparaw hdejn l-Airport u hemm ra anke lill-akkuzat li kellu senter iserrah mad-dura. Kien hawn li msejjah mill-Pulizija li baqa sejjer minn fuq il-post. Kien ghalhekk li l-pulizija, ix-xhud mar ghalih u hemm sab tifel jibki li qallu "……l-papa telaq" (a fol. 32).

Il-Pulizija nizzel it-tifel hdejn il-pulizija l-ohra u wara xi ghoxrin minuta l-akkuzat mar hdejn il-pulizija. Mistoqsi fejn hu s-senter wiegeb lix-xhud "int ma tarax ghami" ( a fol. 32). Mistoqsi ghala halla t-tifel wahdu wiegeb "Mhux affarik" (a fol.33).

Zied ix-xhud li kif semmielu t-tifel, l-akkuzat ifferocja u hawn bdew jzommuh. Qabad anke l-ingravata tax-xhud u qalahhielu.

Spjega li huma (il-pulizija) zammewh u gie mal-hajt.

Dan ix-xhud qal hekk dwar l-atteggjament tal-akkuzat:

"Kien ser jaqbez fuq is-Surgent ghax semmielu t-tifel uhdar……..jitkerrah". Li juza jdejh imma ahna ma tajniehx cans juza jdejh ghax ressaqnieh mal-hajt mill-ewwel" (a fol. 34).

Anke Rennee Bezzina xehed dwar l-incident in kwantu hu kien wiehed mill-kaccaturi mwaqqaf mill-pulizija.

Xehed li George avvicina lill-pulizija u talabhom lit-tifel, kien hawn li bdew jghajtu u ghamlu resistenza mieghu l-pulizija. Jghid ukoll li sa dan it-tant habbtulu (l-pulizija lil George Farrugia) rasu mal-hajt (a fol. 45).

Ghalkemm ftit relianti u mhux car f'dak li sema jew ahjar seta jisma, dan ix-xhud jghid is-segwenti dwar l-incident:

"George beda jghidlu tini t-tifel u ma riedux jatuhulu u qisu ghamel ghalihom imbaghad"

"George lill-Pulizija u ma riedux jaghtuhulu l-pulizija. Imbaghad bdew jiggieldu u sabbtulu rasu ……."
(a fol. 52).

PC 1209 Edmond Grima xehed li hu ma ra xejn f'idejn l-akkuzat u dan fir-rigward ta' armi.

Dwar l-incident spjega lil-akkuzat wara xi ghaxar minuti gie ghal ibnu hdejn il-pulizija, beda jxejjer idejh u stidinhom biex jsawtuh. Qal li s-surgent prova jzommu milli jkompli miexi ghax irrifjuta li jaghti l-particulars u kif resqu lejn il-genb hu baqa jxejjer idejh u kien dak il-hin li habat rasu mal-hajt (a fol. 62).

Xhud iehor kaccatur huwa certu Maurizio Micallef li ukoll assista ghall-incident bejn l-akkuzat u l-pulizija. Il-Qorti anke fil-konfront ta' dan ix-xhud ma tistax ma tikkummentax illi kien xhud kemm xejn relianti, iddikjara li ma tantx jisma, pero jidher li dak li ghogbu jixhed fuqu semghu sew.

Dwar l-incident xehed illi waqt li kienu mal-pulizija, gie ragel l-akkuzat, li beda jghajjar lill-pulizija biex jaghtuh it-tifel. Il-pulizija zammew lit-tifel u talbuh biex jibqa hdejhom. Dan ir-ragel – l-akkuzat, gibed lit-tifel minn idu u qallu biex imorru, hawn il-pulizija bdew jigbdu u bdew jghajtu u habbtuh (lil George) mal-hajt u qasmulu rasu.

Joseph Falzon beda x-xhieda tieghu billi spjega illi huma gew imwaqqfin mill-pulizija minhabba l-kacca. Waqt li huma kienu qed titkellmu mal-pulizija gie George Farrugia talab lil-pulizija li dawn jaghtuh it-tifel, dawn ma tawhulux u habbtuh, lil George, ma hajt.

Xehed ukoll li ghalkemm hu ra lil George u lil ibnu fl-ghalqa, pero ma rax x'kien qed jaghmel George ghax kien hemm ghaxar filati hajt.

Ikompli billi jispjega l-incident billi jghid illi, daru ghal George tlett pulizija u minn idejhom hareg gas down ghal gol hajt u qasmulu rasu (a fol….). In kontro ezami anzi jikkonferma li l-Pulizija rriagixxew b'dan il-mod ma George Farrugia x'hin ghat-tieni darba talabhom it-tifel.

Meta rega ddepona Falzon ikkonferma illi l-pulizija ghajtu lil George u dan dam ma gie ghal xi kwarta.

Dan ix-xhud f'ebda hin tax-xhieda tieghu ma ftakar xejn aktar fir-rigwad ta xi konversazzjoni li setghet saret bejn il-pulizija u l-akkuzat hlief ghal fatt li Farrugia talab lill-pulzija jaghtuh lill-ibnu ghal darbtejn, dawn qalulu le u mat-tieni darba habtuh ma hajt.

Minn naha tieghu l-akkuzat George Farrugia ghazel kemm li jixhed viva voce kif ukoll irrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Investigattiv.

Viva voce xehed illi hu flimkien ma ibnu ta' tmien snin kien gol-ghalqa, fejn rawhom il-pulizija qed jwahhlu qisu njam bl-imsiemer fejn joqghodu l-gabjetti ta' l-ghasafar. Meta ghajtulu l-pulizija huwa peress li m'ghandux permess ta' l-insib harab minn fuq il-post biex forsi jsib lil xi hadd fil-pjazza tal-Imqabba li ma hiex il-boghod li kellu permess ta' l-insib. Warajh fl-ghalqa ta' missieru halla t-tifel ta' tmien snin li meta rritorna lura sabu mal-pulizija.

Qal li l-incident inqala meta talab it-tifel lill-pulizija, qalulu li ma tiehdux u hu hataf it-tifel minn idu.

Dwar l-imbottatura qal hekk illi:

L-ewwel wahda bil-mod, immissjatu fit u imbaghad x'hin wasalt mal-hajt, wahda bis-sahha u qsamt rasi. Imbaghad l-iehor kien rega' gej u l-pulizija l-iehor qallu "hallih ghax ser twegghu issa" (a fol. )

Hu nnega li dak in-nhar kellu arma tan-nara fil-pussess tieghu. Innega li hu gie mitlub xi licenzja, jew xi particulars.

Jiddiskrivi li l-ewwel qala mbottatura bil-mod, imbaghad qala wahda bis-sahha meta hu kien mal-hajt.

Stranament dawn l-ispjegazzjonijiet li hu ghazel li jaghti viva voce ma jirriflettu xejn dak li hu ghazel li jwiegeb ghalih fl-istqarrija, fejn per ezempju insibu li ghal hafna mistoqsijiet George Farrugia kien qed ibati b'amnesia totali u ghall-ohrajn kif kien drittu ghazel li ma jwiegebx.

Ikkonsidrat:

Illi l-ewwel kumment li se tghaddi din il-qorti hu fil-konfront tad-dikjarazzjonijiet, jew stqarrijiet kif gew imsejjha. Huwa ovvju anzi retoriku illi jigi ripetut x'inhu l-valur probatorju ta' stqarrija ta' xhud. Kien ghalhekk li din il-Qorti strahet fuq dak li kull xhud qal viva voce.

Illi punt iehor li din il-Qorti thoss li ghandu jigi sottolineat huwa li Dr. Alexander Portelli xehed illi d-daqqa li sofra George Farrugia kienet wahda kompatibbli ma blunt injury (seduta 8.10.04).

Illi in ezami tal-provi prodotti u anke ghax din il-Qorti kif preseduta semghet direttament u rat il-komportamnet tax-xhieda prodotti, ma tistax din il-Qorti ma tikkummentax fuq il-fatt li diversi mix-xhieda gew imwiddba bil-fatt li huma kienu qeghdin jixhdu bil-gurament. Dana l-punt qed jigi sollevat ghax kienet ben cara ghal din il-Qorti ir-reatticenza ta' certu xhieda biex jixhdu, ghajr ghal fatt li l-pulizija habtu lil Goerge ma hajt, fil-kumplament tal-fatti saljenti xehdu bit-tqanzih jew konvenjatament mxew, ma rawx jew semghu.

Hija fil-fatt l-attitudni ta' dawn ix-xhieda, mehuda fil-kuntest ta' dak li xehed l-istess Farrugia li tikkonvinci lill-Qorti li Farrugia huwa aggressiv kemm f'diskorsu kif ukoll f'azzjonitu fil-konfront tal-pulizija, dan aktarx meta hu talabhom it-tifel u dawn ghal darbtejn zammew lill-minuri

maghhom. Jaqblu fil-fatt il-pulizija fix-xhieda taghhom illi Farrugia xejjer idejh fil-konfront taghhom u anke rresista l-arrest. Lagrasta anke xehed li Farrugia anke qabadlu l-ingravata u qalahhielu.

Ex admissa Farrugia jammettili hu msejjah mill-pulizija harab mill-ghalqa ghax ma kellux permess ta' l-insib.
Pero u din hija preokkupazzjoni tal-Qorti, daqskemm hi sabet difficli temmen lix-xhieda, ukoll kaccaturi li xehdu f'dawn il-proceduri dwar il-mansita ta' Farrugia, daqstant iehor issibha difficli temmen li Farrugia wegga ghaliex irresista l-arrest u habat rasu mal-hajt. Donnu George Farrugia imbaqbaq kif kien ghax ma tawhx it-tifel, kellu jahrab minn fuq il-post fi kliemu biex jiddobba permess tal-insib, wara li kellu xi jghid mal-pulizija qghad jinstabat mal-hajt minn jeddu.

L-istorja verosimili hija fil-fehma ta' din il-Qorti wahda, dik li George Farrugia harab minn fuq il-post wara li gie legalment imsejjah mill-pulizija, illi warajh halla lil ibnu minorenni issa migbur mill-pulizija, illi issa li heles minn dak li seta jfixxklu ma l-awtoritajiet rega rritorna lura ghal ibnu, illi gie mistoqsi ghall-licenzji u particulars u ma tajhomx, prova jiehu lil ibnu minn idejn il-pulzija u dawn zammew lill-minorenni, meta l-pulizija procedew ghall-arrest ghaliex temmen ukoll il-Qorti dak li ntqal fil-konfront tat-tixjir tal-idejn minn naha ta' Farrugia, u biex jikkontrollawh il-pulizija wasslet biex twegga lill-istess Farrugia.

Illi tenut kont dak kollu premess din il-Qorti qed issib lil George Farrugia hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuza (tqis li t-tieni akkuza hija kompriza u nvoluta fl-ewwel wahda) u dan wara li rat l-artikoli 96, 95 u 338  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-kumplament ta' l-akkuzi in kwantu dawn ma jirrizultawx.

Tikkundannah ghall-sena habs sospizi ghal sentejn u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------